**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2002

**Numru 30**

**Avviz numru 947/02JR**

**Borg & Aquilina Limited**

**vs**

**Belcam Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tmienja u disghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm998.19), dovuta bhala prezz ta' merkanzija konsistenti fi prodotti ta' ikel mibjugha lill-kumpanija konvenuta fuq ordni taghha stess ghall-hanut Country Corner;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 18 ta' Marzu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru numru 848/02, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra taggha, ngunta in subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Michelle Pace ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u tmienja u disghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm998.19) bl-imghax legali mit-22 t'April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata 18 ta' Marzu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru numru 848/02, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**